Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2026
(OR. en)

14949/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0334(NLE)

AELE 96
FL 55
ISL 64
N 96
MI 1068
ENER 699

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
Nru …/…

ta' …

li temenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika)
tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE[1] jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/1952 iħassar id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi IV u XXI tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati shont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU L 311, 17.11.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1952/oj.
2 ĠU L 298, 7.11.2008, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/92/oj.

Artikolu 1

It-test tal-punt 7 (id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jitħassar.

Artikolu 2

It-test tal-punt 26 (id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32016 R 1952**: Ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 9(2), il-kliem 'jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'Awwissu 2017'.

(b) l-Iżlanda u n-Norveġja għandhom ikunu eżentati milli jittrażmettu d-data meħtieġa mill-Anness I.

(c) il-Liechtenstein għandu jkun eżentat milli jittrażmetti data dwar il-prezzijiet tal-enerġija għall-faxex tal-konsum li ġejjin għal klijenti mhux domestiċi:

a. Għall-elettriku: IA, IB, ID, IE, IF u IG.

b. Għall-gass naturali: I1, I2, I4 I5 u I6.”

Artikolu 3

It-test tar-Regolament (UE) 2016/1952 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*****.

***** [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE